

Brussell, 17 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10155/26

IXIM 125
JAI 756
ENFOPOL 209
CH 23
FL 18

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tiddetermina d-data minn meta d-data personali marbuta mad-data dattiloskopika tkun tista' tingħata mill-Istati Membri lill-lżvizzera u l-Liechtenstein - Adozzjoni

1. Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali, u l-Anness tagħha, u tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/905/ĠAI dwar l-akkreditament tal-fornituri ta' servizzi forensiċi li jwettqu attivitajiet tal-laboratorji¹, kif ukoll il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali, u l-Anness tagħha, u tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/905/ĠAI dwar l-akkreditament tal-fornituri ta' servizzi forensiċi li jwettqu attivitajiet tal-laboratorji² (il-"Ftehimiet") jipprevedu l-kooperazzjoni reċiproka bejn

¹ ĠU L 328, 22.12.2022, p. 94.

² ĠU L 328, 22.12.2022, p. 96.

l-awtoritajiet kompetenti tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri, minn naħa waħda, u l-Iżvizzera u l-Liechtenstein, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-iskambju awtomatizzat ta' data dwar id-DNA, data dattiloskopika u data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi.

2. F'konformità mal-Artikolu 8(7) taż-żewġ Ftehimiet, il-forniment mill-Istati Membri ta' data personali previst skont il-Ftehimiet ma għandux isir qabel ma d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 6 tad-*Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI*³ jkunu ġew implimentati fid-dritt nazzjonali tal-Iżvizzera u tal-Liechtenstein. Sabiex jiġi vverifikat jekk dan hux il-każ, għandhom jitwettqu żjara ta' evalwazzjoni u prova pilota, simili għal daww konklużi fir-rigward tal-Istati Membri skont il-Kapitolu 4 tal-Anness tad-*Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI*⁴.
3. Fil-21 ta' Jannar 2026, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein saritilhom din iż-żjara ta' evalwazzjoni komuni fir-rigward tat-tfittxijiet awtomatizzati ta' data dattiloskopika.
4. Fil-laqgħa tiegħu tat-22 ta' April 2026, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Iskambju ta' Informazzjoni tal-ĠAI (IXIM) approva rapport ta' evalwazzjoni ġenerali, li jagħti sinteżi tar-riżultati taż-żjara ta' evalwazzjoni komuni u tal-prova pilota li saret fil-qafas tal-evalwazzjoni. Ir-rapport ikkonkluda li l-aspetti li jippermettu l-iskambju awtomatizzat ta' data dattiloskopika mal-Istati Membri skont l-Artikolu 8(7) tal-Ftehim bejn l-UE u l-Konfederazzjoni Żvizzera, u l-Artikolu 8(7) tal-Ftehim bejn l-UE u l-Prinċipat tal-Liechtenstein, ġew implimentati b'suċċess mill-Iżvizzera u mil-Liechtenstein fil-livelli legali, operazzjonali u tekniċi.
5. Peress li l-Iżvizzera u l-Liechtenstein jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 8(7) tal-Ftehimiet, jenħteġ li l-Iżvizzera u l-Liechtenstein ikunu intitolati li jirċievu data personali fornuta mill-Istati Membri skont il-Ftehimiet.
6. Skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 8(7) taż-żewġ Ftehimiet, il-Kunsill għandu s-setgħa ta' implimentazzjoni bil-ħsieb li tiġi ddeterminata d-data jew id-dati minn meta d-data personali tista' tiġi pprovduta mill-Istati Membri lill-Iżvizzera u lil-Liechtenstein.

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali (ĠU L 210, 6.8.2008, p. 1).

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali (ĠU L 210, 6.8.2008, p. 12).

7. Fid-dawl ta' dan kollu, u soġġett għall-konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden:

- jadotta bħala punt "A", l-abbozz ta' *Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tiddetermina d-data minn meta d-data personali marbuta mad-data dattiloskopika tkun tista' tingħata mill-Istati Membri lill-Iżvizzera u l-Liechtenstein*, kif jinsab fid-dokument 10088/26.
 - jaqbel li t-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali.
-